# EWROPA SIGURA F'DINJA AĦJAR

Strateġija Ewropea ta' Sigurtà

MT

# Introduzzjoni

L-Ewropa qatt ma kienet daqshekk prospera, sigura u lanqas daqshekk libera. Wara l-vjolenza tal-ewwel nofs tas-seklu 20 beda perijodu ta' paċi u stabbiltà li qatt ma kien hawn bħalu fl-istorja Ewropea.

Il-ħolqien tal-Unjoni Ewropea kien ċentrali għal dan l-iżvilupp. Hija ttrasformat ir-relazzjonijiet bejn l-istati tagħna, u l-ħajjiet taċ-ċittadini tagħna. Il-pajjiżi Ewropej huma impenjati li jittrattaw it-tilwim b'mod paċifiku u li jikkooperaw permezz ta' istituzzjonijiet komuni. Matul dan il-perijodu, il-firxa progressiva tal-istat tad-dritt u d-demokrazija rat reġimi awtoritarji jinbidlu f'demokraziji siguri, stabbli u dinamiċi. Tkabbir wara l-ieħor qed iwettaq il-viżjoni ta' kontinent magħqud u paċifiku f'realtà.

***L-ebda pajjiż mhu kapaċi jegħleb waħdu l-problemi komplessi ta' llum.***

L-Istati Uniti kellha rwol prinċipali fl-integrazzjoni Ewropea u s-sigurtà Ewropea, b'mod partikolari permezz tan-NATO. It-tmiem tal-Gwerra Bierda ħalla lill-Istati Uniti f'pożizzjoni dominanti bħala attur militari. Madankollu, l-ebda pajjiż mhu kapaċi jegħleb waħdu l-problemi komplessi ta' llum.

L-Ewropa għadha tiffaċċja theddid u sfidi għas-sigurtà. It-tfaqqigħ tal-konflitt fil-Balkani jfakkar li l-gwerra ma għebietx mill-kontinent tagħna. Matul dawn l-aħħar għaxar snin, l-ebda reġjun tad-dinja ma ħelisha minn konflitt armat. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-konflitti saru fi ħdan l-istat aktar milli bejn l-istati, u l-biċċa l-kbira tal-vittmi kienu persuni ċivili.

***Bħala unjoni ta' 25 stat b'aktar minn 450 miljun persuna li jipproduċu kwart tal-Prodott Nazzjonali Gross (PNG) tad-dinja,l-Unjoni Ewropea hija inevitabbilment attur globali...hija għandha tkun lesta li tikkondividi r-responsabbiltà għal sigurtà globali u biex tinbena dinja aħjar.***

Bħala unjoni ta' 25 stat b'aktar minn 450 miljun persuna li jipproduċu kwart tal-Prodott Nazzjonali Gross (PNG) tad-dinja, u b'firxa wiesgħa ta' strumenti li tista' tuża, l-Unjoni Ewropea hija inevitabbilment attur globali. Fl-aħħar għaxar snin il-forzi Ewropej ġew skjerati barra mill-Unjoni lejn postijiet imbiegħda bħall-Afganistan, it-Timor Leste u l-RDK. Il-konverġenza dejjem akbar tal-interessi Ewropej u t-tisħiħ tas-solidarjetà reċiproka tal-UE jagħmilna attur aktar kredibbli u effettiv. L-Ewropa għandha tkun lesta li tikkondividi r-responsabbiltà għal sigurtà globali u biex tinbena dinja aħjar.

# I. L-AMBJENT TA' SIGURTÀ: SFIDI GLOBALI U THEDDID PRINĊIPALI

## Sfidi Globali

L-ambjent ta' wara l-Gwerra Bierda huwa wieħed ta' fruntieri dejjem aktar miftuħa fejn l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà huma relatati b'mod indissolubbli. Il-flussi ta' kummerċ u investiment, l-iżvilupp tat-tekonoloġija u l-firxa tad-demokrazija ġabu l-libertà u l-prosperità lil ħafna nies. Oħrajn interpretaw il-globalizzazzjoni bħala kawża ta' frustrazzjoni u inġustizzja. Dawn l-iżviluppi żiedu wkoll l-ambitu fejn gruppi non-statali jistgħu jieħdu sehem fl-affarijiet internazzjonali. U huma żiedu d-dipendenza Ewropea - u għalhekk il-vulnerabbiltà - fuq infrastruttura interkonnessa fit-trasport, l-enerġija, l-informazzjoni u oqsma oħrajn.

Mill-1990 'l hawn, kważi 4 miljun persuna mietu fi gwerer, 90% minnhom persuni ċivili. 'Il fuq minn 18-il miljun persuna madwar id-dinja telqu djarhom minhabba l-konflitt.

***45 miljun kull sena imutu bil-ġuħ u l-malnutrizzjoni...l-AIDS tikkontribwixxi għat-tifrik ta' soċjetajiet...Is-Sigurtà hija prekondizzjoni għall- iżvilupp**.*

F'parti kbira mid-dinja li qed tiżviluppa, il-faqar u l-mard jikkawżaw sofferenza kbira u jikkaġunaw preokkupazzjonijiet urġenti dwar is-sigurtà . Kważi 3 biljun persuna, nofs il-popolazzjoni tad-dinja, jgħix b'anqas minn 2 Euro kuljum. 45 miljun kull sena imutu bil-ġuħ u l-malnutrizzjoni. L-AIDS issa saret waħda mill-aktar pandemiji devastanti fl-istorja umana u tikkontribwixxi għat-tifrik ta' soċjetajiet. Mard ġdid jista' jinfirex malajr u jsir theddida globali. L-Afrika Sub-Saħarjana hija ifqar illum milli kienet 10 snin ilu. F'ħafna każijiet, il-falliment ekonomiku huwa marbut ma' problemi politiċi u konflitti vjolenti.

Is-sigurtà hija pre-kondizzjoni għall-iżvilupp. Il-konflitt mhux biss jeqred l-infrastruttura, inkluża l-infrastruttura soċjali; huwa jinkoraġġixxi wkoll il-kriminalità, igerrex l-investiment u jirrendi impossibbli l-attività ekonomika normali. Numru ta' pajjiżi u reġjuni huma maqbuda f'ċiklu ta' konflitt, insigurtà u faqar.

Huwa probabbli li l-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali - notevolment l-ilma - li ser tkun aggravata bit-tisħin globali fis-snin li ġejjin, ser toħloq aktar taqlib u movimenti migratorji f'diversi reġjuni.

Id-dipendenza fuq l-enerġija hija preokkupazzjoni speċjali għall-Ewropa. L-Ewropa hija l-akbar importatur taż-żejt u l-gass fid-dinja. Illum l-importazzjonijiet jagħmlu 50% tal-konsum tal-enerġija. Dan għandu jitla' għal 70% fl-2030. Il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet jiġu mill-Golf, mir-Russja u mill-Afrika ta' Fuq.

## Theddid Prinċipali

Agressjoni fuq skala kbira kontra kwalunkwe Stat Membru illum hija improbabbli. Minflok dan, l-Ewropa qed tiffaċċja theddid ġdid li huma aktar diversi, jidhru anqas u huma anqas prevedibbli.

**Terroriżmu**: It-terroriżmu jpoġġi l-ħajja fir-riskju; huwa jimponi spejjeż kbar; ifittex li jimmina l-ftuħ u t-tolleranza tas-soċjetajiet tagħna, u jimponi theddida strateġika dejjem akbar għall-Ewropa kollha. Il-movimenti terroristiċi, dejjem iżjed, għandom riżorsi tajbin, huma konnessi b'netwerks elettroniċi, u huma lesti li jużaw vjolenza mingħajr limitu biex jikkawżaw diżgrazzji massivi.

Il-mewġa l-aktar reċenti ta' terroriżmu hija globali fl-ambitu tagħha u hija marbuta mal-estremiżmu reliġjuż vjolenti. Hija tqum minn kawżi komplessi. Dawn jinkludu l-pressjonijiet tal-modernizzazzjoni, il-kriżijiet kulturali, politiċi u soċjali, u l-aljenazzjoni taż-żgħażagħ li jgħixu f'soċjetajiet barranin. Dan il-fenomenu huwa wkoll parti mis-soċjetà tagħna stess.

L-Ewropa hija kemm mira kif ukoll bażi ta' dan it-tip ta' terroriżmu: pajjiżi Ewropej huma miri u ġew attakkati. Bażijiet loġistiċi għaċ-ċelloli tal-Al Qaeda nstabu fir-Renju Unit, l-Italja, il-Ġermanja, Spanja u l-Belġu. Azzjoni Ewropea konċertata hija indispensabbli.

Il-**Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda Massiva** hija potenzjalment l-akbar theddida għas-sigurtà tagħna. Is-sistemi tat-trattat internazzjonali u l-arranġamenti dwar il-kontroll tal-esportazzjoni naqqsu l-firxa tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinja. Madankollu, issa qed nidħlu f'perijodu ġdid u perikoluż li jżid il-possibbiltà ta' tellieqa għall-AQM, speċjalment fil-Lvant Nofsani. Avvanzi fix-xjenza bijoloġika jistgħu jżidu s-saħħa tal-armi bijoloġiċi fis-snin li

***L-aħħar użu tal-AQM sar mis-setta terroristika Aum, fil-metrò ta' Tokjo fl-1995, li użaw il-gass sarin. Inqatlu 12 il-persuna u ndarbu eluf. Sentejn qabel, l-Aum kienu bexxu triq ta' Tokjo bl-ispori tal-Antraċe.***

ġejjin; attakki b'materjali kimiċi u radjoloġiċi huma wkoll possibbiltà serja. Il-firxa tat-teknoloġija tal-missili żżid element ulterjuri ta' instabbiltà u tista' tpoġġi lill-Ewropa f'riskju dejjem akbar.

L-aktar xenarju li jbeżża' huwa wieħed fejn gruppi terroristiċi jakkwistaw armi tal-qerda massiva. F'dan il-każ, grupp żgħir ikun jista' jagħmel ħsara fuq livell li qabel kien possibbli biss għall-Istati u l-armati.

**Konflitti Reġjonali** Problemi bħal dawk fil-Kashmir, ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u l-Peniżola Koreana għandhom impatt dirett u indirett fuq interessi Ewropej, bħalma għandhom il-konflitti aktar viċini, l-aktar dawk fil-Lvant Nofsani.Konflitti vjolenti jew iffriżati, li jippersistu wkoll fuq il-fruntieri tagħna, jheddu l-istabbiltà reġjonali. Huma jeqirdu l-ħajjiet umani u l-infrastrutturi soċjali u fiżiċi,jheddu l-minoranzi, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Il-konflitt jista' jwassal għall-estremiżmu, it-terroriżmu u l-falliment tal-istat, huwa jipprovdi opportunitajiet għal kriminalità organizzata. L-insigurtà reġjonali tista' żżid id-domanda għall-AQM. L-aktar mod prattiku biex jingħeleb it-theddid ġdid, li spiss ikun elużiv, xi drabi jkun bl-indirizzar ta' problemi eqdem ta' konflitt reġjonali.

**Falliment tal-Istat:** Il-governanza ħażina - il-korruzzjoni, l-abbuż tal-poter, l-istituzzjonijiet dgħajfa u n-nuqqas ta' responsabbiltà - u l-konflitt ċivili jħassru l-Istati minn ġewwa. F'xi każijiet, dan ikkawża l-kollass tal-istituzzjonijiet tal-Istat. Is-Somalja, il-Liberja u l-Afganistan taħt it-Taliban huma l-eżempji riċenti l-aktar magħrufa. Il-kollass tal-Istat jista' jkun assoċjat ma' theddid ovvju, bħalma huma l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Il-falliment tal-Istat huwa fenomenu allarmanti, li jimmina l-governanza globali, u jżid l-instabbiltà reġjonali.

**Kriminalità organizzata**: L-Ewropa hija mira primarja għall-kriminalità organizzata. Din it-theddida interna għas-sigurtà tagħna għandha dimenzjoni esterna importanti: it-traffikar transkonfini tad-droga, in-nisa, l-immigranti illegali u l-armi jagħmlu parti kbira mill-attivitajiet tal-klikek kriminali. Hija jista' jkollha rabtiet mat-terroriżmu.

Attivitajiet kriminali bħal dawn ħafna drabi huma assoċjati ma' stati dgħajfa jew li qed ifallu. Il-qliegħ mid-drogi qed idgħajjef aktar l-istrutturi tal-istat f'diversi pajjiżi li jipproduċu d-droga. Il-qliegħ mill-kummerċ fil-ħaġar prezzjuż, l-injam u l-armi żgħar, iżidu l-konflitt f'partijiet oħra tad-dinja. Dawn l-attivitajiet kollha jimminaw kemm l-istat tad-dritt kif ukoll l-ordni soċjali innifisha.

F'każijiet estremi, il-kriminalità organizzata tista' tasal biex tiddomina l-istat. 90% tal-eroina fl-Ewropa tiġi mill-peprin imkabbar fl-Afganistan - fejn il-kummerċ fid-droga jħallas għall-armati privati. Il-biċċa l-kbira tagħha hija distribwita permezz ta' netwerks kriminali Balkani li huma wkoll responsabbli għal madwar 200,000 mis-700,000 vittma nisa tal-kummerċ ta' natura sesswali madwar id-dinja. Dimensjoni ġdida tal-kriminalità organizzata li ser jistħoqqilha aktar attenzjoni hija t-tkabbir fil-piraterija marittima.

Jekk nieħdu dawn l-elementi differenti flimkien - it-terroriżmu bil-għan ta' vjolenza massima, id-disponibbiltà ta' armi tal-qerda massiva, il-kriminalità organizzata, id-dgħufija tas-sistema tal-istat u l-privatizzazzjoni tal-forza - tassew nistgħu niffaċċjaw theddida radikali ħafna.

## II. OBJETTIVI STRATEĠIĊI

Aħna ngħixu f'dinja li għandha prospetti isbaħ iżda wkoll theddid akbar milli qatt rajna s'issa. Il-futur ser jiddependi parzjalment fuq l-azzjonijiet tagħna. Jeħtieġ li kemm naħsbu globalment kif ukoll naġixxu lokalment. Sabiex tiddefendi s-sigurtà tagħha u tippromwovi l-valuri tagħha, l-UE għandha tliet objettivi strateġiċi:

**L-indirizzar tat-Theddid**

L-Unjoni Ewropea kienet attiva fl-ittrattar tat-theddid prinċipali.

- Hija rrispondiet wara l-11 ta' Settembru b'miżuri li inkludew l-adozzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, passi sabiex ikun attakkat l-iffinanzjar tat-terroriżmu u ftehim dwar assistenza legali reċiproka mal-Istati Uniti. L-UE qed tkompli tiżviluppa l-kooperazzjoni f'dan il-qasam u ttejjeb id-difiżi tagħha.

- Hija segwiet politiki kontra l-proliferazzjoni għal ħafna snin. L-Unjoni għadha kif qablet dwar programm ta' azzjoni ieħor li jipprevedi passi li jsaħħu l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u miżuri li jirrestringu l-kontrolli ta' esportazzjoni u jittrattaw il-kunsinni illegali u l-akkwist illeċitu. L-UE hija impenjata biex tikseb aderenza universali mas-sistemi li jirregolaw it-trattati multilaterali, kif ukoll biex issaħħaħ it-tratatti u d-dispożizzjonijiet ta' verifika tagħhom.

- L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri intervjenew biex jgħinu fl-ittrattar ta' konflitti reġjonali u jgħinu lil stati falluti biex jirkupraw, inkluż fil-Balkani, l-Afganistan u r-RDK. Wieħed mill-modi l-aktar effettivi biex tiġi ttrattata l-kriminalità organizzata fl-UE huwa r-restawr ta' governanza tajba fil-Balkani, it-trawwim tad-demokrazija u billi jsir possibbli għall-awtoritajiet li jegħelbu l-kriminalità organizzata.

F'era ta' globalizzazzjoni, it-theddid distanti jista' jkun preokkupazzjoni daqs dak li hu viċin. L-attivitajiet nukleari fil-Korea ta' Fuq, ir-riskji nukleari fl-Ażja t'Isfel u l-proliferazzjoni fil-Lvant Nofsani huma kollha preokkupazzjonijiet għall-Ewropa.

***F'era ta' globalizzazzjoni, it-theddid distanti jista' jkun preokkupazzjoni daqs dak li hu viċin... L-ewwel front ta' difiża spiss ikun barra minn pajjiżna. It-theddid il-ġdid huwa dinamiku...***

***Il-prevenzjoni ta' konflitt u l-prevenzjoni ta' theddid qatt ma jibdew kmieni biżżejjed.***

It-terroristi u l-kriminali issa jistgħu joperaw madwar id-dinja kollha: l-attivitajiet tagħhom fiċ-ċentru jew ix-xlokk tal-Ażja jistgħu jkunu ta' theddida għall-pajjiżi Ewropej jew għaċ-ċittadini

tagħhom. Sadattant, il-komunikazzjoni globali iżżid l-għarfien fl-Ewropa ta' konfitti reġjonali jew traġedji umanitarji kullimkien fid-dinja.

Il-kunċett tradizzjonali tagħna ta' difiża personali - sal-Gwerra Bierda u din inkluża - kien ibbażat fuq it-theddida tal-invażjoni. Bit-theddid il-ġdid, l-ewwel front ta' difiża spiss ikun barra minn pajjiżna. It-theddid il-ġdid huwa dinamiku. Ir-riskji tal-proliferazzjoni jikbru biż-żmien; jekk jitħallew waħedhom, in-netwerks terrorostiċi ser isiru dejjem aktar perikolużi. Il-falliment tal-Istat u l-kriminalità organizzata jinfirxu jekk jiġu traskurati - bħalma rajna fl-Afrika tal-Punent. Dan jimplika li għandna nkunu lesti biex naġixxu qabel ma tfaqqa' xi kriżi. Il-prevenzjoni ta' konflitt u l-prevenzjoni ta' theddid qatt ma jibdew kmieni biżżejjed.

B'kuntrast mat-theddida massiva viżibbli fil-Gwerra Bierda, l-ebda waħda mit-theddid il-ġdid mhi purament militari; u l-ebda waħda ma tista' tiġi ttrattata b'mezzi purament militari. Kull waħda tirrikjedi taħlita ta' strumenti. Il-proliferazzjoni tista' tkun ikkontrollata permezz tal-kontrolli fuq l-esportazzjoni u tiġi attakkata permezz ta' pressjonijiet politiċi, ekonomiċi u oħrajn, filwaqt li jiġu ttrattati wkoll il-kawżi politiċi sottostanti. It-trattament tat-terroriżmu jista' jirrikjedi taħlita ta' intelligence, pulizija, mezzi ġudizzjarji, militari u oħrajn. Fi stati falluti, jista' jkun hemm bżonn ta' strumenti militari biex tiġi restawrata l-ordni u mezzi umanitarji biex tingħeleb il-kriżi immedjata. Il-konflitti reġjonali jeħtieġu soluzzjonijiet politiċi iżda jistgħu jkunu meħtieġa mezzi militari u ħidma ta' pulizija effikaċi fil-fażi postkonflittwali. L-istrumenti ekonomiċi jservu r-rikostruzzjoni, u l-maniġġar ta' kriżi ċivili jgħin biex jiġi restawrat gvern ċivili. L-Unjoni Ewropea hija attrezzata partikolarment tajjeb biex twieġeb għal tali sitwazzjonijiet multidimensjonali.

**Bini ta' Sigurtà fil-Viċinat tagħna**

Anke f'era ta' globalizzazzjoni, il-ġeografija għadha importanti. Huwa fl-interess Ewropew li l-pajjiżi fuq il-konfini tagħna jkunu ggvernati tajjeb. Ġirien li jkunu impenjati f'konflitti vjolenti, stati dgħajfa fejn tiffjorixxi l-kriminalità organizzata, soċjetajiet disfunzjonali jew splużjoni fiż-żieda tal-popolazzjoni fil-konfini tagħha, kollha jikkawżaw problemi għall-Ewropa.

***It-tkabbir m'għandux joħloq linji diviżorji ġodda fl-Ewropa. Ir-riżoluzzjoni tal-konflitt Għarbi-Iżraeljan hija prijorità strateġika għall-Ewropa.***

L-integrazzjoni ta' stati aderenti żżid is-sigurtà tagħna iżda tqarreb ukoll 'l-UE lejn żoni problematiċi. Il-kompitu tagħna huwa li nippromwovu ċirku, lejn il-Lvant tal-Unjoni Ewropea u fuq il-konfini tal-Mediterran, ta' pajjiżi ggvernati sew li magħhom jista' jkollna relazzjonijiet viċini u kooperattivi.

L-importanza ta' dan tidher l-aktar fil-Balkani. Permezz tal-isforzi konċertati tagħna mal-Istati Uniti, ir-Russja, in-NATO u sħab internazzjonali oħrajn, l-istabbiltà tar-reġjun m'għadhiex mhedda bit-tfaqqigħ ta' konflitt kbir. Il-kredibbiltà tal-politika estera tagħna tiddependi fuq il-konsolidazzjoni tal-kisbiet tagħna hemmhekk.

Il-perspettiva Ewropea toffri kemm objettiv strateġiku kif ukoll inċentiv għar-riforma. M'huwiex fl-interess tagħna li t-tkabbir joħloq linji diviżorji ġodda fl-Ewropa. Jeħtieġ li nestendu l-benefiċċji tal-kooperazzjoni ekonomika u politika lill-ġirien tagħna fil-Lvant filwaqt li negħlbu l-problemi politiċi ta' hemmhekk. Issa jeħtieġ li nieħdu interess aktar qawwi u attiv fil-problemi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar, li, meta jasal il-waqt, ukoll ser ikun reġjun ġar.

Ir-riżoluzzjoni tal-konflitt Għarbi-Iżraeljan hija prijorità strateġika għall-Ewropa. Mingħajr dan, ikun hemm ftit possibbiltà li nittrattaw problemi oħrajn fil-Lvant Nofsani. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata u lesta li tikkommetti riżorsi għall-problema sakemm tkun solvuta. Is-soluzzjoni ta' żewġ stati - li l-Ewropa ilha tappoġġja - issa hija aċċettata b'mod wiesgħa. Biex tiġi implimentata, jeħtieġ li jkun hemm sforz unit u kooperattiv mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti, in-Nazzjonijiet Uniti u r-Russja, u l-pajjiżi tar-reġjun, iżda l-aktar mill-Iżraeljani u l-Palestinjani nnifishom.

Iż-żona tal-Mediterran ġeneralment għadha tgħaddi minn problemi serji ta' stagnazzjoni ekonomika, diżordni soċjali u konflitti mhux solvuti. L-interessi tal-Unjoni Ewropea jirrikjedu impenn kontinwu mas-sħab tal-Mediterran, permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, ta' sigurtà u kulturali aktar effettiva fil-qafas tal-Proċess ta' Barċellona. Impenn usa' mad-Dinja Għarbija għandu jiġi kkunsidrat ukoll.

**Ordni Internazzjonali Bbażata Fuq Multilateraliżmu Effettiv**

F'dinja ta' theddid globali, swieq globali u medja globali, is-sigurtà u l-prosperità tagħna jiddependu dejjem aktar minn sistema multilaterali effettiva. L-iżvilupp ta' soċjetà internazzjonali aktar b'saħħitha, istituzzjonijiet internazzjonali li jaħdmu tajjeb u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regola huwa objettiv tagħna.

Aħna impenjati li nirrispettaw u niżviluppaw id-Dritt Internazzjonali. Il-qafas fundamentali għar-relazzjonijiet internazzjonali huwa il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandu r-responsabbiltà primarja għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali. It-tisħiħ tan-Nazzjonijiet Uniti, billi tiġi mgħammra biex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha u taġixxi b'mod effettiv, huwa prijorità Ewropea.

***Is-sigurtà u l-prosperità tagħna jiddependu dejjem aktar minn sistema multilaterali effettiva.Aħna impenjati li nirrispettaw u niżviluppaw id-Dritt Internazzjonali.***
***Il -qafas fundamentali għar-relazzjonijiet internazzjonali huwa il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.***

Aħna rridu li l-organizzazzjonijiet internazzjonali, ir-reġimi u t-trattati jkunu effettivi fil-konfront ta' theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u għalhekk jeħtieġ li nkunu lesti li naġixxu meta jinkisru r-regoli tagħhom.

Istituzzjonijiet prinċipali fis-sistema internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali wessgħu is-sħubija tagħhom. Iċ-Ċina ingħaqdet mad-WTO u r-Russja qed tinnegozja l-adeżjoni tagħha. Għandu jkun l-objettiv tagħna li nwessgħu is-sħubija ta' tali korpi filwaqt li nżommu l-istandards għoljin tagħhom.

Wieħed mill-elementi ċentrali tas-sistema internazzjonali huwa r-relazzjoni transatlantika. Din mhijiex biss fl-interess bilaterali tagħna iżda ssaħħaħ ukoll il-komunità internazzjonali sħiħa. In-NATO hija espressjoni importanti ta' din ir-relazzjoni.

L-organizzazzjonijiet reġjonali wkoll isaħħu l-governanza globali. Għall-Unjoni Ewropea, is-saħħa u l-effettività tal-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa għandhom sinifikat partikolari. Organizzazzjonijiet reġjonali oħrajn bħall-ASEAN, il-MERCOSUR u l-Unjoni Afrikana jagħtu kontribut importanti għal dinja aktar ordnata.

Hija kondizzjoni tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regola li l-liġi tevolvi bħala rispons għal żviluppi bħall-proliferazzjoni, it-terroriżmu u t- tisħin globali. Għandna interess li niżviluppaw aktar l-istituzzjonijiet eżistenti bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u li nappoġġaw dawk ġodda bħall-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-esperjenza tagħna stess fl-Ewropa turi li s-sigurtà tista' tiżdied permezz ta' bini ta' fiduċja u sistemi ta' kontroll tal-armi. Tali strumenti jistgħu ukoll jagħtu kontribut importanti għas-sigurtà u l-istabbiltà fil-viċinat tagħna u lil hinn.

Il-kwalità tas-soċjetà internazzjonali tiddependi fuq mill-kwalità tal-gvernijiet li huma l-pedament tagħha. L-aqwa protezzjoni għas-sigurtà tagħna hija dinja ta' stati demokratiċi rregolati tajjeb. It-tixrid ta' governanza tajba, l-appoġġ ta' riforma soċjali u politika, it-trattament tal-korruzzjoni u tal-abbuż tal-poter, l-istabbiliment tal-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-aqwa mezzi ta' tisħiħ tal-ordni internazzjonali.

Il-kummerċ u l-politiki ta' żvilupp jistgħu jkunu għodda qawwija għall-promozzjoni tar-riforma. Bħala l-akbar fornitur ta' għajnuna uffiċjali fid-dinja u l-akbar entità kummerċjali tagħha, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qegħdin f'pożizzjoni tajba biex isegwu dawn il-miri.

Il-kontribut għall-governanza aħjar permezz ta' programmi ta' assistenza, il-kondizzjonalità u miżuri ta' kummerċ iffokati tibqa' karatteristika importanti fil-politika tagħna li għandna nirrinforzaw aktar. Dinja li tidher li qed toffri ġustizzja u opportunità għal kulħadd tkun aktar sigura għall-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha.

Numru ta' pajjiżi poġġew lilhom innifishom barra mill-konfini tas-soċjetà internazzjonali. Uħud fittxew l-iżolament; oħrajn jiksru n-normi internazzjonali b'mod persistenti. Huwa mixtieq li tali pajjiżi jingħaqdu mill-ġdid mal-komunità internazzjonali, u l-UE għandha tkun lesta biex tipprovdi assistenza. Dawk li ma jixtiqux jagħmlu dan għandhom jifhmu li dan ser iġib miegħu konsegwenzi, inkluż fir-relazzjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea.

## III. IMPLIKAZZJONIJIET TA' POLITIKA GĦALL-EWROPA

L-Unjoni Ewropea għamlet progress lejn politika estera koerenti u maniġġar effettiv ta' kriżijiet. Għandna strumenti li jistgħu jintużaw b'mod effettiv, bħalma urejna fil-Balkani u lil hinn. Iżda jekk għandna nagħmlu kontribut li jaqbel mal-potenzjal tagħna, jeħtieġ li nkunu aktar attivi, aktar koerenti u aktar kapaċi. U jeħtieġ li naħdmu ma' oħrajn.

***Jeħtieġ li niżviluppaw kultura strateġika li trawwem intervenzjoni kmieni, rapida u, meta jkun meħtieġ, robusta.***

**Aktar attivi** meta nsegwu l-objettivi strateġiċi tagħna. Dan japplika għall-firxa sħiħa ta' strumenti li nistgħu nużaw għal maniġġar ta' kriżijiet u l-prevenzjoni ta' konflitt, inklużi attivitajiet politiċi, diplomatiċi, militari u ċivili, kummerċjali u ta' żvilupp. Jenħtieġu politiki attivi kontra t-theddid dinamiku ġdid. Jeħtieġ li niżviluppaw kultura strateġika li trawwem intervenzjoni kmieni, rapida u, meta jkun meħtieġ, robusta.

Bħala Unjoni ta' 25 membru li tonfoq aktar minn 160 biljun Euro fuq id-difiża, għandna nkunu kapaċi nsostnu diversi operazzjonijiet f'daqqa. Nistgħu nżidu valur partikolari billi niżviluppaw operazzjonijiet li jinvolvu kapaċitajiet kemm militari kif ukoll ċivili.

L-UE għandha tappoġġa n-Nazzjonijiet Uniti fir-rispons tagħha għat-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-UE hija impenjata li tirrinforza l-kooperazzjoni tagħha man-NU biex tassisti pajjiżi li ħerġin mill-konflitt u li ttejjeb l-appoġġ tagħha għan-NU f'sitwazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet għall-perijodu qasir.

Jeħtieġ li nkunu kapaċi naġixxu qabel ma' pajjiżi madwarna jmorru għall-agħar, meta jiġu skoperti sinjali ta' proliferazzjoni u qabel ma jinħolqu emerġenzi umanitarji. L-impenn preventiv jista' jevita problemi aktar serji fil-futur. Unjoni Ewropea li tieħu responsabbiltà akbar u li tkun aktar attiva tkun waħda li jkollha influwenza politika akbar.

**Aktar Kapaċi.** Ewropa aktar kapaċi hija possibbli għalina, għalkemm jeħtieġ aktar żmien biex il-potenzjal kollu tagħna jkun realizzat. Azzjonijiet li jinsabu għaddejjin - notevolment l-istabbiliment ta' aġenzija għad-difiża - huma pass fid-direzzjoni t-tajba.

Sabiex nittrasformaw il-korpi militari tagħna f'forzi aktar flessibbli u mobbli, u sabiex intuhom il-mezzi biex jindirazzaw it-theddid il-ġdid, huma meħtieġa aktar riżorsi għad-difiża u użu aktar effettiv tar-riżorsi.

L-użu sistematiku ta' assi akkomunati u kondiviżi għandu jnaqqas id-duplikazzjonijiet, l-ispejjeż ġenerali u, fil-perijodu medju, iżid il-kapaċitajiet.

Kważi f'kull intervenzjoni maġġuri, l-effiċjenza militari ġiet segwita minn kaos ċivili. Neħtieġu kapaċità akbar biex nimmobilizzaw ir-riżorsi ċivili f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' postkriżi.

Kapaċità diplomatika aktar b'saħħitha: neħtieġu sistema li tikkombina r-riżorsi tal-Istati Membri ma' dawk tal-istituzzjonijiet tal-UE. It-trattament ta' problemi li huma aktar 'il bogħod u aktar barranin jirrikjedi intendiment u komunikazzjoni aħjar.

Il-valutazzjonijiet tat-theddid komuni huma l-aħjar bażi għal azzjonijiet komuni. Dan jirrikjedi kondiviżjoni mtejba tal-intelligence fost l-Istati Membri u mas-sħab.

Filwaqt li nżidu l-kapaċitajiet f'oqsma differenti, jeħtieġ li naħsbu f'sens ta' firxa usa' ta' missjonijiet. Dan jista' jinkludi operazzjonijiet konġunti għad-diżarm, sostenn għal pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u riforma tas-settur tas-sigurtà. Dan tal-aħħar ikun parti mill-bini usa' ta' istituzzjonijiet.

L-arranġamenti permanenti UE-NATO, b'mod partikolari il-Berlin Plus, itejbu l-kapaċità operattiva tal-UE u jipprovdu l-qafas għall-isħubija strateġika bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fil-maniġġar ta' kriżijiet.

**Aktar Koerenti**. Il-punt tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża huwa li aħna aktar b'saħħitna meta naġixxu flimkien. Matul is-snin riċenti, ħloqna numru ta' strumenti differenti, li kull wieħed minnhom għandu struttura u razzjonal proprju.

L-isfida issa hija li jinġiebu flimkien l-istrumenti u l-kapaċitajiet diversi: il-programmi ta' assistenza Ewropea u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-kapaċitajiet ċivili u militari mill-Istati Membri u strumenti oħra. Dawn kollha jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tagħna u dik ta' pajjiżi terzi. Is-sigurtà hija l-ewwel kondizzjoni għall-iżvilupp.

L-isforzi diplomatiċi, l-iżvilupp, il-kummerċ u l-politiki ambjentali għandhom isegwu l-istess aġenda. Fi kriżi, xejn ma jissostitwixxi l-unità fl-ikkmandar.

Koordinazzjoni aħjar bejn il-politika ta' azzjoni esterna u dik tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni hija kruċjali fil-ġlieda kontra kemm it-terroriżmu kif ukoll il-kriminalità organizzata.

Koerenza akbar hija meħtieġa mhux biss bejn l-istrumenti tal-UE iżda wkoll fl-attivitajiet esterni tal-istati membri individwali.

Politiki koerenti huma wkoll meħtieġa f'kuntest reġjonali, speċjalment meta wieħed ikun qed jittratta mal-konflitt. Rari li l-problemi jissolvew fuq bażi ta' pajjiż wieħed, jew mingħajr appoġġ reġjonali, bħalma jidher b'modi differenti mill-esperjenzi tal-Balkani u tal-Afrika tal-Punent.

**Naħdmu mas-sħab** Ftit li xejn hemm problemi li nistgħu insolvu waħedna. It-theddid deskritt hawn fuq huwa theddid komuni, kondiviż mal-eqreb sħab tagħna. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija neċessità. Jeħtieġ li nsegwu l-objettivi tgaħna kemm permezz ta' kooperazzjoni multilaterali f'organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll permezz ta' sħubijiet ma' atturi prinċipali.

***Jekk jaġixxu flimkien, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jistgħu jkunu forza formidabbli għat-tajjeb fid-***

Ir-relazzjoni transatlantika xejn ma jista' joħdilha postha. Jekk jaġixxu flimkien, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jistgħu jkunu forza formidabbli għat-tajjeb fid-dinja. L-għan tagħna għandu jkun sħubija effettiva u bilanċjata mal-Istati Uniti tal-Amerika. Din hija raġuni oħra għall-UE biex tibni aktar il-kapaċitajiet tagħha u żżid il-koerenza tagħha.

Għandna nkomplu naħdmu għal relazzjonijiet eqreb mar-Russja, fattur kbir fis-sigurtà u l-prosperità tagħna. Ir-rispett għall-valuri komuni ser jirrinforza l-progress lejn sħubija strateġika.

L-istorja, il-ġeografija u r-rabtiet kulturali tagħna jagħtuna rabtiet ma' kull parti tad-dinja: il-ġirien tagħna fil-Lvant Nofsani, is-sħab tagħna fl-Afrika, fl-Amerika Latina, u fl-Ażja. Dawn ir-relazzjonijiet huma assi importanti li wieħed jista' jibni fuqu. B'mod partikolari għandna nħarsu lejn l-iżvilupp ta' sħubiji strateġiċi mal-Ġappun, iċ-Ċina, il-Kanada u l-Indja kif ukoll ma' dawk kollha li jikkondividu l-miri u l-valuri tagħna, u li huma lesti jaġixxu biex jappoġġawhom.

**Konklużjoni**

Din hija dinja ta' perikoli ġodda iżda wkoll ta' opportunitajiet ġodda. L-Unjoni Ewropea għandha l-potenzjal li tagħmel kontribut kbir, kemm fit-trattament tat-theddid kif ukoll biex tgħin jiġu realizzati l-opportunitajiet. Unjoni Ewropea attiva u kapaċi tagħmel impatt fuq skala globali. Permezz ta' hekk, tkun qed tikkontribwixxi għal sistema mutilaterali effettiva li twassal għal dinja aktar ġusta, sigura u unita.